



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża)

12 ta' Ottubru 2022*

“Servizz pubbliku – Uffiċjal – Personnel tas-SEAE assenjat f'pajjiż terz – Kap ta' delegazzjoni – Perijodu ta' prova manġerjali – Rapport finali ta' evalwazzjoni tal-perijodu ta' prova manġerjali – Att li ma jikkawżax preġudizzju – Inammissibbiltà – Assenjazzjoni mill-ġdid għal kariga mhux manġerjali fis-sede tas-SEAE – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smiġh – Kundizzjonijiet ta' applikazzjoni għall-kapijiet ta' delegazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5028/2, tad-9 ta' Settembru 2008, dwar il-persunal manġerjali intermedju – Nuqqas ta' inklużjoni ta' dokumenti fil-fajl personali – Interess tas-servizz – Użu ħażin ta' poter – Talba għal assistenza – Deċiżjoni li tiċħad it-talba – Responsabbiltà”

Fil-Kawża T-88/21,

Sandra Paesen, residenti f'Beersel (il-Belġju), irrappreżentata minn M. Casado García-Hirschfeld, avukata,

rikorrenti,

vs

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn S. Marquardt u R. Spáč, bħala aġenti,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża),

komposta minn, waqt id-deliberazzjonijiet, R. da Silva Passos, President, V. Valančius, I. Reine, L. Truchot u M. Sampol Pucurull (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-7 ta' April 2022,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza¹

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti, Sandra Paesen, titlob, minn naħa, l-annullament, l-ewwel, tar-rapport finali ta' evalwazzjoni tal-perijodu ta' prova maniġerjali (iktar 'il quddiem ir-“rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja”) li jikkonċernaha, it-tieni, tad-deċiżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-10 ta' April 2020 dwar assenjazzjoni mill-ġdid f'kariga barra mill-qafas maniġerjali (iktar 'il quddiem l-“ewwel deċiżjoni kkontestata”), it-tielet, tad-deċiżjoni tas-SEAE tat-12 ta' Mejju 2020 li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrenti (iktar 'il quddiem it-“tieni deċiżjoni kkontestata”) u, min-naħa l-oħra, it-tqassim tad-danni finanzjarji u morali mġarrba mir-rikorrenti.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 Ir-rikorrenti hija uffiċjal tal-Unjoni Ewropea. Hija daħlet fis-servizz tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2004 u ġiet ittrasferita lis-SEAE fl-2011.
- 3 Permezz ta' deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (iktar 'il quddiem ir-“Rappreżentant Għoli”), tas-17 ta' Lulju 2018, ir-rikorrenti nħatret Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fi ħdan ir-Repubblika tal-Malawi (iktar 'il quddiem id-“delegazzjoni fil-Malawi”) b'effett mill-1 ta' Settembru 2018.
- 4 Fl-istess data, ir-rikorrenti ġiet issuġġettata għal perijodu ta' prova maniġerjali ta' disa' xhur, konformement mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 5028/2 tad-9 ta' Settembru 2008 dwar il-persunal maniġerjali intermedju (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjoni 5028/2”), li saret applikabbli għas-SEAE permezz tad-deċiżjoni PROC EEAS(2011) 002 tad-Direttur Ġenerali Amministrattiv tas-SEAE tad-29 ta' Novembru 2011.
- 5 Fit-18 ta' Marzu 2019, fid-dawl tar-rapport *interim* ta' evalwazzjoni probatorja, li skontu l-kompetenzi fil-qasam tal-awtorità u ta' maniġment tar-rikorrenti ġew ikkunsidrati bħala insuffiċjenti, il-perijodu ta' prova maniġerjali ġie estiż b'sitt xhur mill-1 ta' Ġunju 2019.
- 6 Mis-16 sal-25 ta' Settembru 2019, id-dipartiment ta' spezzjoni tas-SEAE wettaq missjoni ta' spezzjoni *ad hoc* fi ħdan id-delegazzjoni.
- 7 Fl-14 ta' Ottubru 2019, l-abbozz tar-rapport ta' spezzjoni redatt mill-missjoni ta' spezzjoni *ad hoc* (iktar 'il quddiem l-“abbozz tar-rapport ta' spezzjoni”) ġie kkomunikat lir-rikorrenti għal osservazzjonijiet eventwali. Dan l-abbozz kien jinkludi tnax-il rakkomandazzjoni dwar il-maniġment tad-delegazzjoni, li minnhom sitta kienu indirizzati lir-rikorrenti fil-kapaċità tagħha ta' Kap ta' Delegazzjoni.
- 8 Fis-27 ta' Novembru 2019, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE baġhat lir-rikorrenti r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja, li skontu l-kompetenzi fil-qasam ta' awtorità u ta' maniġment ta' din tal-aħħar tqiesu li kienu insuffiċjenti.
- 9 Barra minn hekk, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE informat ukoll lir-rikorrenti li r-Rappreżentant Għoli, minn naħa, qies li hija ma kinitx uriet il-livell meħtieġ tul dan il-perijodu probatorju u, min-naħa l-oħra, li hija kellha l-intenzjoni tassenjaha mill-ġdid għal kariga mhux maniġerjali fis-sede tas-SEAE.

¹ Huma riprodotti biss il-punti minn din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li huma utli għall-pubblikazzjoni.

- 10 Fid-29 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti bagħtet lis-Segretarju Ġenerali tas-SEAE l-kummenti tagħha dwar l-abbozz ta' rapport ta' spezzjoni.
- 11 Fit-12 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti bagħtet lis-Segretarju Ġenerali tas-SEAE l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja.
- 12 Fit-18 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti tenniet quddiem is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja u tal-kundizzjonijiet li fihom hija kienet wettqet il-perijodu ta' prova maniġerjali u talbet l-aċċess għad-dokumenti li fuqhom kien ibbażat l-imsemmi rapport.
- 13 Fid-19 ta' Diċembru 2019, id-Direttur Ġenerali inkarigat mill-Afrika (iktar 'il quddiem id-“Direttur Ġenerali Afrika”), bagħat osservazzjonijiet lid-Dipartiment ta' Spezzjoni tas-SEAE dwar l-abbozz ta' rapport ta' spezzjoni.
- 14 Fil-11 ta' Jannar 2020, ir-rikorrenti talbet lir-Rappreżentant Għoli sabiex jikkonfermaha fil-funzjonijiet tagħha ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi.
- 15 Fis-17 ta' Jannar 2020, ir-rikorrenti bagħtet talba għal assistenza lid-Direttriċi tar-Riżorsi Umani tas-SEAE (iktar 'il quddiem it-“talba għal assistenza”) ibbażata fuq l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”), intiża għall-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva minħabba li hija kienet vittma ta' fastidju psikoloġiku min-naħa tas-superjuri ġerarkiċi tagħha, b'mod partikolari tad-Direttur Ġenerali Afrika u l-Kap tad-Diviżjoni tal-Afrika Awstrali u tal-Oċean Indjan (iktar 'il quddiem il-“Kap ta' Diviżjoni Afrika 2”).
- 16 Fid-29 ta' Jannar 2020, ir-rikorrenti rċeviet il-verżjoni finali tar-rapport ta' spezzjoni *ad hoc* (iktar 'il quddiem ir-“rapport finali ta' spezzjoni”).
- 17 Fit-22 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti ġiet awtorizzata titlaq mill-post ta' assenjazzjoni tagħha u tmur lura l-Belġju għal raġunijiet mediċi u tal-familja. Mill-istess data, hija sussegwentement tqiegħdet fuq leave tal-mard u fuq leave annwali sal-1 ta' Settembru 2020.
- 18 Fit-30 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti bagħtet informazzjoni addizzjonali lid-Direttorat tar-Riżorsi Umani tas-SEAE sabiex tikkompleta t-talba għal assistenza.
- 19 Permezz ta' ittra tal-10 ta' April 2020, ir-Rappreżentant Għoli adotta l-ewwel deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha huwa assenja mill-ġdid lir-rikorrenti għal kariga mhux maniġerjali fis-sede tas-SEAE b'effett mill-1 ta' Mejju 2020.
- 20 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' April 2020, ir-rikorrenti ġiet assenjata lid-Direttorat tal-Affarijiet Ekonomiċi u Ġenerali tas-SEAE mill-1 ta' Mejju 2020.
- 21 Fit-12 ta' Mejju 2020, id-Direttur tar-Riżorsi Umani tas-SEAE adottat it-tieni deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha ċaħdet it-talba għal assistenza.

- 22 Fl-10 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti, minn naħa, ressqet ilment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal kontra r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja u d-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tal-10 ta' April, tat-30 ta' April u tat-12 ta' Mejju 2020 u, min-naħa l-oħra, talbet il-kumpens, fl-ammont ta' EUR 60 000, għad-dannu morali li hija ġarrbet kif ukoll ir-rimbors tal-ispejjeż u tal-onorarji tal-avukat tagħha.
- 23 Fl-4 ta' Novembru 2020, l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet l-ilment (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment”).

It-talbiet tal-partijiet

- 24 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati kif ukoll, sussidjarjament, ir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja u, jekk ikun meħtiegħ, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;
 - tikkundanna lis-SEAE sabiex jagħtiha kumpens għad-danni finanzjarji u morali allegatament imġarrba;
 - “tirtira mill-proċedura” l-annessi D.2, D.3 u D.4 tal-kontroreplika;
 - tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.
- 25 Is-SEAE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

[ommissis]

Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja

- 38 Għandu jtifakkar li l-ammissibbiltà tar-rikors hija motiv ta' ordni pubbliku li għandu jitqajjem *ex officio* mill-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, *Credito Fondiario vs BUR*, C-69/19 P, EU:C:2020:178, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 39 F'dan ir-rigward, għandu jtifakkar li l-eżistenza ta' att li jikkawża preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 90(2) u tal-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal hija kundizzjoni indispensabbli għall-ammissibbiltà ta' kull rikors ippreżentat mill-uffiċjali kontra l-att tal-istituzzjoni li taħtha jaqgħu. Skont ġurisprudenza stabbilita, huma biss il-miżuri li joħolqu effetti legali vinkolanti ta' natura li taffettwa direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrent, billi jibdlu b'mod serju s-sitwazzjoni legali tiegħu, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, *Martinez De Prins et vs SEAE*, T-575/16, EU:T:2017:911, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 40 B'mod partikolari, minn ġurisprudenza stabbilita sew dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament jirriżulta li għandha tingħata importanza lis-sustanza nnifisha tal-atti kkontestati kif ukoll lill-intenzjoni tal-awturi tagħhom sabiex dawn l-atti jiġu kklassifikati. F'dan ir-rigward, bħala prinċipju, jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati l-miżuri li jistabbilixxu b'mod definittiv il-pożizzjoni ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni fi tmiem proċedura amministrattiva u li jkunu intenzi li jipproduċu effetti legali vinkolanti li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, bl-esklużjoni, b'mod partikolari, tal-miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċizzjoni finali, li ma għandhomx tali effetti, kif ukoll atti purament konfermatorji ta' att preċedenti li ma jkunx ġie kkontestat qabel l-iskadenza tat-termini previsti (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, SATCEN vs KF, C-14/19 P, EU:C:2020:492, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 F'dan il-każ, l-ewwel, ir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja li tiegħu r-rikorrenti titlob l-annullament huwa rregolat mid-Deċiżjoni 5028/2 (ara l-punt 4 iktar 'il fuq).
- 42 Konformement mal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 5028/2, il-persuni maħtura għall-ewwel darba f'funzjonijiet maniġerjali intermedji huma suġġetti għal perijodu ta' prova maniġerjali ta' disa' xhur, li jagħti lok, wara ħames xhur, għal rapport *interim* ta' evalwazzjoni probatorja u, xahar qabel l-iskadenza tiegħu, għal rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja. Dan il-perijodu ta' prova jista', f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jiġi estiż għal tul massimu ta' sitt xhur li fi tmiemu jiġi stabbilit rapport aħħari ta' evalwazzjoni.
- 43 Barra minn hekk, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni 5028/2, jekk, fi tmiem il-perijodu ta' prova (jiġifieri wara massimu ta' ħmistax-il xahar), dan ma jagħtiz eżitu pożittiv minħabba li waħda mill-kompetenzi li għandhom jiġu evalwati titqies li hija insuffiċjenti, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tipproponi l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal ikkonċernat f'kariga mhux maniġerjali.
- 44 Għalhekk, mill-formulazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni 5028/2, kif jammetti s-SEAE fit-tweġiba bil-miktub tiegħu għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, jirriżulta li rapport finali ta' evalwazzjoni probatorju li jikkonstata tal-inqas kompetenza maniġerjali waħda insuffiċjenti ma jimplikax l-adozzjoni, mill-Awtorità tal-Ħatra li tistabbilixxi dan ir-rapport, ta' deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid tal-uffiċjal ikkonċernat f'kariga mhux maniġerjali, iżda biss proposta, indirizzata lir-Rappreżentant Għoli bħala Awtorità tal-Ħatra kompetenti għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-imsemmi uffiċjal, u dan inkluż wara estensjoni tal-perijodu ta' prova maniġerjali.
- 45 It-tieni, ġie deċiż li r-raġuni wara l-perijodu ta' prova skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2013, kienet qrib biżżejjed għal dik li tiġġustifika l-perijodu ta' prova impost fuq il-membri tal-persunal temporanji skont l-Artikolu 14 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni, fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2013, b'tali mod li kien possibbli li wieħed jispira ruħu mill-ġurisprudenza relatata miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, FS vs KESE, F-50/15, EU:F:2016:119, punt 97).
- 46 Tali prossimità teżisti wkoll fir-rigward tal-perijodu ta' prova imposta lill-kapijiet ta' delegazzjoni l-ġodda tas-SEAE taħt id-Deċiżjoni 5028/2. B'hekk, rapport bħar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja ma jistax jiġi pparagunat mar-rapporti annwali ta' evalwazzjoni li huma stabbiliti tul

il-karriera ta' uffiċjal u li jikkostitwixxu, fir-rigward tagħhom, atti li jikkawżaw preġudizzju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, XH vs Il-Kummissjoni, T-511/18, EU:T:2020:291, punt 133 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 47 Fil-fatt, ir-rapporti dwar il-perijodu ta' prova, li l-għan tagħhom jikkonsisti fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni dwar il-ħatra bħala uffiċjal permanenti tal-persuna kkonċernata fi tmiem il-perijodu ta' prova jew it-tkeċċija tagħha, għandhom bħala sempliċi għan li jħejju deċiżjoni speċifika tal-amministrazzjoni, li magħha għalhekk jintrabtu mill-qrib, u, konsegwentement, ma għandhomx in-natura ta' atti li jikkawżaw preġudizzju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, XH vs Il-Kummissjoni, T-511/18, EU:T:2020:291, punt 134).
- 48 Għalhekk, bl-istess mod, ir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja għandu l-uniku għan, meta jkun negattiv, li jħejji deċiżjoni speċifika tal-amministrazzjoni, jiġifieri d-deċiżjoni ta' assenjażjoni mill-ġdid għal impjeg ieħor f'kariga mhux maniġerjali, li magħha dan ir-rapport huwa marbut mill-qrib.
- 49 It-tielet, huwa minnu, kif jenfasizza s-SEAE, li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal jissuġġetta l-avvanz fl-iskala li din id-dispożizzjoni tipprevedi favur l-uffiċjali maħtura, b'mod partikolari, bħala kapijiet ta' diviżjoni, għall-kundizzjoni li dawn l-uffiċjali jkunu wettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal matul l-ewwel disa' xhur wara l-ħatra tagħhom.
- 50 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-avvanz eċċezzjonali fl-iskala previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa applikabbli għall-uffiċjali maħtura bħala kapijiet ta' diviżjoni, ta' diretturi jew ta' diretturi ġenerali, u mhux għall-membri tal-persunal tas-SEAE li, bħar-rikorrenti, jinħatru għall-ewwel darba għal funzjonijiet ta' kapijiet ta' delegazzjoni, li huma ddefiniti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE (ĠU 2010, L 201, p. 30).
- 51 Konsegwentement, il-fatt li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel riferiment għall-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal ma għandux effett fuq in-natura ta' att preparatorju li għandu r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja tal-kapijiet ta' delegazzjoni tas-SEAE.
- 52 Ir-raba', huwa minnu wkoll li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni 5028/2 jirreferi għall-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal billi jipprevedi li r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja għandu jiġi anness mar-rapport annwali ta' evalwazzjoni rregolat minn din l-aħħar dispożizzjoni.
- 53 Madankollu, rapport ta' evalwazzjoni ta' perijodu ta' prova maniġerjali li jinsab fil-fajl individwali ta' uffiċjal ma jistax, bħala prinċipju, jibqa' jipproduċi xi tip ta' effett wara d-deċiżjoni meħuda fi tmiem dan il-perijodu ta' prova, li fir-rigward tagħha ġie redatt u li ma kellu ebda għan ieħor ħlief li jaqdi funzjoni ta' tħejjija (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, XH vs Il-Kummissjoni, T-511/18, EU:T:2020:291, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 Għalhekk, rapport *interim* jew finali ta' evalwazzjoni probatorja, anki jekk jinkludi ċertu numru ta' osservazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet ta' xogħol tal-uffiċjal jew tal-membri tal-persunal, la jista', bħala prinċipju, jittieħed inkunsiderazzjoni minn kumitat ta' promozzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, XH vs Il-Kummissjoni, T-511/18, EU:T:2020:291, punt 137), la, kif ammetta s-SEAE waqt is-seduta, mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (iktar 'il quddiem

il- KKĦ”) previst mid-deċiżjoni PROC HR(2011) 005 tar-Rappreżentant Għoli tad-9 ta’ Marzu 2011, u lanqas mill-Awtorità tal-Ħatra, fl-okkażjoni ta’ proċedura ġdida ta’ selezzjoni tal-kapijiet ta’ delegazzjoni.

- 55 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, fl-okkażjoni ta’ rikors kontra d-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura li tikkostitwixxi l-perijodu ta’ prova maniġerjali, huwa permess li r-rikorrent jinvoka l-irregolarità tal-atti preċedenti marbuta miegħu mill-qrib u, b’mod partikolari, l-irregolaritajiet li, fil-fehma tiegħu, jaffettwaw ir-rapport finali ta’ evalwazzjoni probatorja (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta’ Diċembru 2015, Sesma Merino vs UASI, T-127/14 P, EU:T:2015:927, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għalkemm l-ewwel deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha r-rikorrenti tiġi assenjata mill-ġdid f’kariga mhux maniġerjali, sa fejn din tistabbilixxi b’mod definittiv il-kariga tal-amministrazzjoni u, b’hekk, taffettwa direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrenti, tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju lil din tal-aħħar, dan ma japplikax għar-rapport finali ta’ evalwazzjoni probatorja, li jikkostitwixxi biss att preparatorju għal din id-deċiżjoni.
- 57 F’dawn iċ-ċirkustanzi, it-talbiet għall-annullament tar-rapport finali ta’ evalwazzjoni huma inammissibbli u għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tal-ewwel deċiżjoni kkontestata

- 58 Insostenn ta’ dawn il-konklużjonijiet, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, sitt motivi bbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tieni, fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal smiġh, it-tielet, fuq ksur tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 5028/2 u tad-Deċiżjoni ADMIN (2019) 31 tas-SEAE, tal-15 ta’ Novembru 2019, dwar l-eżerċizzju u s-subdelega tas-setgħat mogħtija lill-Awtorità tal-Ħatra u lill-ASTK (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni ADMIN (2019) 31”), ir-raba’, fuq ksur tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħames, fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u, is-sitt, fuq użu ħażin ta’ poter.

[omissis]

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal smiġh

- 71 Ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, l-ewwel, irregolarità fl-okkażjoni tal-konsultazzjoni tal-KKĦ, it-tieni, ksur tad-dritt għal smiġh u, it-tielet, ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

[omissis]

– Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq ksur tad-dritt għal smiġh

- 79 Fil-kuntest ta’ din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, l-erba’ lmenti li ġejjin.
- 80 L-ewwel, ir-rikorrenti ssostni li, bi tweġiba għall-ittra tas-Segretarju Ġenerali tas-SEAE tas-27 ta’ Novembru 2019 li tinnotifikaha bir-rapport finali ta’ evalwazzjoni probatorja, hija ssottomettiet osservazzjonijiet li ma ngħatawx segwitu. Hija tafferma li ma kinitx f’pożizzjoni li tinfluwenza

l-proċess deċiżjonali tal-Awtorità tal-Ħatra, kif jixhdu ċ-ċirkustanzi, minn naħa, li l-ewwel deċiżjoni kkontestata ma tirrigwardax l-osservazzjonijiet li hija ressqet fit-12 ta' Diċembru 2019 u fit-30 ta' Jannar 2020 u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija deċiżjoni b'ebda mod ma turi li l-Awtorità tal-Ħatra kienet realment eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha fid-dawl tal-osservazzjonijiet imressqa minnha fuq l-imsemmi rapport.

- 81 It-tieni, ir-rikorrenti tqis li r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja jinkludi allegazzjonijiet suġġettivi li ma humiex issostanzjati minn dokumenti probatorji, b'tali mod li l-assenza ta' dawn id-dokumenti bla dubju kienet ipprekludietha milli tkun f'qagħda li tiegħu pożizzjoni b'mod eżawrjenti fuq il-fatti u d-dokumenti kollha li fuqhom hija bbażata l-ewwel deċiżjoni kkontestata.
- 82 It-tielet, ir-rikorrenti tippreċiża li, konformement mad-Deċiżjoni ADMIN (2019) 31, hija kellha tinstema' mir-Rappreżentant Għoli.
- 83 Ir-raba', ir-rikorrenti ssostni li hija ma kellhiex l-opportunità li tiddiskuti l-kontenut tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja mas-superjuri tagħha qabel ma dan ir-rapport intbagħat lilha mis-Segretarju Ġenerali tas-SEAE fis-27 ta' Novembru 2019 – liema fatt imur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-legalizzazzjoni interna applikabbli.
- 84 Is-SEAE jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.
- 85 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont l-Artikolu 41(2) tal-Karta, id-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi b'mod partikolari d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed fir-rigward tagħha kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament.
- 86 Għalhekk, id-dritt għal smiġħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa l-interessi tagħha negattivament (ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Il-Parlament vs UZ, C-894/19 P, EU:C:2021:863, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 87 B'mod partikolari, deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid ta' uffiċjal fis-servizz f'pajjiż terz taffettwa s-sitwazzjoni amministrattiva tiegħu peress li tbiddel il-post u l-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet kif ukoll in-natura tagħhom. Hija tista' wkoll ikollha effett fuq il-karriera ta' dan l-uffiċjal sa fejn tista' teżerċita influwenza fuq il-perspettivi professjonali tiegħu, peress li ċerti funzjonijiet jistgħu, fuq bażi uguali, iwasslu aħjar minn oħrajn għal promozzjoni minħabba n-natura tal-funzjonijiet eżerċitati. Barra minn hekk, hija tista' twassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, C-59/06 P, EU:C:2007:756, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 88 Minn dan jirriżulta li deċiżjoni ta' assenjazzjoni mill-ġdid kontra r-rieda tal-uffiċjal, ikkunsidrata f'kuntest ikkaratterizzat minn nuqqasijiet fil-funzjonijiet maniġerjali bħal dak inkwistjoni, jeħtieġ l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, anki fl-assenza ta' kull legalizzazzjoni li tirrigwarda l-proċesura inkwistjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, C-59/06 P, EU:C:2007:756, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 89 Huwa fir-rigward ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat il-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġħ.

- 90 F'dan il-każ, l-ewwel, huwa paċifiku li, permezz ta' ittra tas-27 ta' Novembru 2019, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE baġhat lir-rikorrenti r-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja u informatha li, fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, ir-Rappreżentant Għoli kellu l-intenzjoni li jassenjaha mill-ġdid għal funzjonijiet mhux maniġerjali, fis-sede tas-SEAE, konformement mal-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni 5028/2.
- 91 Barra minn hekk, permezz ta' din l-istess ittra, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE stiednet lir-rikorrenti tressaq l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, sa mhux iktar tard minn erbatax-il jum, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni definittiva.
- 92 It-tieni, minbarra l-osservazzjonijiet bil-miktub, tat-12 ta' Diċembru 2019 u tal-11 ta' Jannar 2020, li r-rikorrenti baġtet, rispettivament, lis-Segretarju Ġenerali tas-SEAE u lir-Rappreżentant Għoli, mill-proċedura jirriżulta li r-rikorrenti kellha konverżazzjoni telefonika mas-Segretarju Ġenerali fis-17 ta' Diċembru 2019 u li, l-għada, ir-rikorrenti baġtitilha osservazzjonijiet bil-miktub ġodda.
- 93 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tesprimi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni kkontestata u li tesponi l-elementi li, fl-opinjoni tagħha, kienu jiġġustifikaw li tali deċiżjoni ma tittiħidx. Għalhekk, hija ssostni b'mod żbaljat li d-dritt għal smiġh tagħha qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni kkontestata nkiser.
- 94 L-argumenti mressqa mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali ma humiex tali li jqiegħdu din il-konklużjoni inkwistjoni.
- 95 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ma hijiex fondata meta ssostni li hija kellha tinstema' mill-Awtorità tal-Ħatra qabel l-adozzjoni tar-rapport finali ta' evalwazzjoni.
- 96 Fil-fatt, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni 5028/2 b'ebda mod ma timponi tali obbligu fuq l-Awtorità tal-Ħatra.
- 97 Min-naħa l-oħra, huwa minnu li ġie deċiż fil-punt 75 tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, *Wurster vs EIGE* (F-20/12 u F-43/12, EU:F:2013:129), fir-rigward ta' rapport ta' evalwazzjoni tal-kapaċitajiet maniġerjali rregolat mid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-persunal maniġerjali intermedjarju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), li kull persuna li tkun is-suġġett ta' rapport ta' evalwazzjoni li jista' jipproduċi konsegwenzi fuq il-karriera tagħha għandu jkollha l-possibbiltà li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha qabel ma dan ir-rapport isir definittiv, u dan anki fl-assenza ta' dispożizzjoni espliċita.
- 98 Madankollu, din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq il-ġurisprudenza dwar ir-rapporti annwali ta' evalwazzjoni. Peress li dawn ir-rapport jikkostitwixxu elementi li jistgħu jeżerċitaw influwenza tul il-karriera ta' uffiċjal, huma jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju (ara l-punt 46 iktar 'il fuq), li ma huwiex il-każ tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja (ara l-punti 56 u 57 iktar 'il fuq).
- 99 L-istess japplika għas-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013, *Wahlström vs Frontex* (F-116/12, EU:F:2013:143), invokata wkoll mir-rikorrenti insostenn tal-argumenti tagħha.
- 100 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 86 sa 88 iktar 'il fuq jirriżulta li, għalkemm id-dritt għal smiġh jiggerantixxi li kull persuna li kontriha huwa indirizzat att li jikkawża preġudizzju tinstema' qabel l-adozzjoni ta' dan l-att, madankollu dan id-dritt ma huwiex

iggarantit lilha fir-rigward ta' att ta' tnejn (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, Brahma vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, T-603/16, EU:T:2018:820, punt 71 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 101 Għalhekk, f'dan il-każ, kien suffiċjenti li r-rikorrenti nstemgħet qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha ġie deċiż l-assenjazzjoni mill-ġdid tagħha f'kariga mhux maniġerjali, mingħajr ma l-Awtorità tal-Ħatra tista' tiġi kkritikata li ma semgħethiex qabel l-adozzjoni tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja, li jikkostitwixxi att preparatorju għal din id-deċiżjoni (ara l-punt 56 iktar 'il fuq).
- 102 Tali konklużjoni hija kkorroborata mill-fatt, irrilevat fil-punti 45 u 46 iktar 'il fuq, li r-raġuni wara perijodu ta' prova analoga għal dak impost, bħal f'dan il-każ, fuq il-kapijiet il-ġodda ta' delegazzjoni, hija simili biżżejjed għal dik li tiġġustifika l-perijodu ta' prova impost fuq l-uffiċjali l-ġodda b'tali mod li l-Qorti Ġenerali tispira ruħha mill-ġurisprudenza f'dan il-qasam.
- 103 Fil-fatt, minn din il-ġurisprudenza dwar ir-rapporti dwar il-perijodu ta' prova, applikabbli b'analoġija, jirriżulta li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-uffiċjal bi prova mkeċċi jimplika li dan tal-aħħar tqiegħed f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva li twassal għad-deċiżjoni ta' tkeċċija, li jesprimi b'mod utli l-fehma tiegħu dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li fuq il-bażi tagħhom l-Awtorità tal-Ħatra adottat id-deċiżjoni tagħha. B'hekk, ladarba r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni jistrieħu fuq l-evalwazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' evalwazzjoni ta' dan l-uffiċjal, id-dritt għal smiġħ huwa ggarantit meta dan l-uffiċjal esprima ruħu dwar l-imsemmija evalwazzjonijiet u kellu l-possibbiltà li jieħu pożizzjoni dwar kull dokument li l-istituzzjoni għandha l-intenzjoni li tuża kontri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Bonnafous vs EACEA, T-614/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:381, punti 79, 80 u 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 104 F'dan il-każ, kif huwa indikat fil-punt 63 iktar 'il fuq, ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-ewwel deċiżjoni kkontestata jistrieħu fuq l-evalwazzjonijiet li jinsabu fir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja tar-rikorrenti, u huwa paċifiku li r-rikorrenti esprimiet ruħha fuq l-imsemmija evalwazzjonijiet.
- 105 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti tqiegħdet f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-ewwel deċiżjoni kkontestata, li tesprimi b'mod utli l-fehma tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li fuq il-bażi tagħhom l-Awtorità tal-Ħatra adottat id-deċiżjoni tagħha.
- 106 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma tistax issostni b'mod utli li hija ma kinitx f'qagħda li tieħu pożizzjoni fuq dokumenti li huma neċessarji, fl-opinjoni tagħha, sabiex tissostanzja l-evalwazzjonijiet suġġettivi li jinsabu fir-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja, filwaqt li l-eżistenza ta' tali dokumenti ma hijiex stabbilita u ma tirriżultax mill-annessi tal-proċess.
- 107 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ma għandhiex raġun issostni li hija kellha tibbenefika minn laqgħa mar-Rappreżentant Għoli, peress li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-iskambju li permezz tiegħu l-uffiċjal ikkonċernat għandu jitqiegħed f'pożizzjoni li jesprimi b'mod effettiv il-fehma tiegħu dwar l-abbozz ta' deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi tagħha jista' jkun orali jew bil-miktub (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2007, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, C-59/06 P, EU:C:2007:756, punt 47, u tas-6 ta' April 2022, FC vs EUAA, T-634/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:222, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 108 Barra minn hekk, għalkemm id-Deċiżjoni ADMIN (2019) 31, applikabbli mis-16 ta' Novembru 2019, kienet tipprevedi li r-Rappreżentant Għoli kien l-awtorità kompetenti għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' assenjazzjoni mill-ġdid tal-kapijiet ta' delegazzjoni fl-interess tas-servizz, mill-kliem ta' din id-deċiżjoni ma jirriżultax li din tipprevedi l-obbligu għas-SEAE li jorganizza laqgħa bejn ir-Rappreżentant Għoli u kap ta' delegazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ.
- 109 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ma għandhiex raġun issostni li l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha ma ngħatawx segwitu, li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tinfluwenza l-proċess deċiżjonali tal-Awtorità tal-Ħatra u li l-ewwel deċiżjoni kkontestata b'ebda mod ma turi li l-Awtorità tal-Ħatra kienet realment eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha fid-dawl tal-osservazzjonijiet bil-miktub li hija ressqet.
- 110 Fil-fatt, għalkemm ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smiġħ jeżiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippermettu lill-persuna kkonċernata minn att li jikkawża preġudizzju tesponi l-fehma tagħha b'mod utli, ma jistax jiġi impost fuq l-imsemmija istituzzjonijiet li jaqblu miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2017, Arbuzov vs Il-Kunsill, T-221/15, mhux ippublikata, EU:T:2017:478, punt 84, u tas-27 ta' Settembru 2018, Ezz et vs Il-Kunsill, T-288/15, EU:T:2018:619, punt 330).
- 111 Barra minn hekk, l-ewwel deċiżjoni kkontestata tirreferi espressament għall-osservazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti fl-ittra tagħha tat-12 ta' Diċembru 2019. Għalkemm din id-deċiżjoni ssemmi wkoll osservazzjonijiet tar-rikorrenti tal-1 ta' Jannar 2020, mill-proċedura, kif jindika s-SEAE, jirriżulta li dan huwa żball tal-pinna u li r-Rappreżentant Għoli kellu l-intenzjoni li jirreferi għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2020.
- 112 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lir-Rappreżentant Għoli talli ma semmiex, fl-ewwel deċiżjoni kkontestata, l-osservazzjonijiet tat-30 ta' Jannar 2020 li hija kienet bagħtet lill-Kap tal-uffiċċju ta' dan tal-aħħar bi tweġiba għall-ittra tad-19 ta' Diċembru 2019 tad-Direttur Ġenerali Afrika msemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dawn l-osservazzjonijiet ma kinux relatati, tal-inqas b'mod dirett, mal-proċedura mibdija mis-SEAE sabiex jiġi ggarantit id-dritt għal smiġħ tar-rikorrenti qabel l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni kkontestata.
- 113 Konsegwentement, din il-parti hija infondata u għandha tiġi miċħuda.

[omissis]

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 5028/2 u tad-Deċiżjoni ADMIN (2019) 31

- 129 Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, ħames ilmenti bbażati, l-ewwel, fuq l-irregolarità tar-rapport *interim* ta' evalwazzjoni probatorja, it-tieni, fuq in-natura anormali tal-kundizzjonijiet li fihom twettaq il-perijodu ta' prova maniġerjali, it-tielet, fuq l-assenza ta' għanijiet u ta' indikaturi matul il-perijodu ta' prova maniġerjali, ir-raba', fuq l-irregolarità tar-rapport finali ta' evalwazzjoni probatorja u, il-ħames, fuq il-fatt li l-ewwel deċiżjoni kkontestata kienet taqa' taħt il-kompetenza tar-Rappreżentant Għoli.

- 130 Is-SEAE jikkontesta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

[omissis]

– Fuq it-tielet ilment tat-tielet motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' għanijiet u ta' indikaturi matul il-perijodu ta' prova maniġerjali

- 157 Ir-rikorrenti tilmenta dwar l-assenza ta' segwitu regolari min-naħa tal-ġerarkija tagħha u tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, b'mod partikolari l-assenza ta' ffissar ta' għanijiet u ta' programm ta' azzjoni, li çahditha minn kull indikatur li jippermetti li titkejjel il-prestazzjonijiet tagħha u li tirmidja n-nuqqasijiet eventwali tagħha, u dan bi ksur tal-Artikolu 11(3) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Deċiżjoni 5028/2.
- 158 F'dan ir-rigward, mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tad-Deċiżjoni 5028/2 jirriżulta li l-evalwazzjoni *interim* għandha ssir fuq il-bażi ta' dokument approvat minn qabel li jinkludi għanijiet u indikaturi ta' prestazzjoni inekwivokabbli, marbuta ma' kompiti jew ma' kompetenzi maniġerjali standard.
- 159 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' kontinwità tal-evalwazzjoni tal-perijodu ta' prova maniġerjali, li huwa msemmi fl-Artikolu 11(2) tad-Deċiżjoni 5028/2, jimplika neċessarjament li l-evalwazzjoni finali għandha titwettaq fuq il-bażi tal-istess dokument li jinkludi għanijiet u indikaturi ta' prestazzjoni inekwivokabbli minn dak li huwa stabbilit għall-evalwazzjoni *interim*.
- 160 Għandu jiġi rrilevat qabel kollox li, f'din il-kawża, is-SEAE u r-rikorrenti ma approvawx dokument formali, li jinkludi għanijiet u indikaturi ta' prestazzjoni mhux ekwivoçi, marbuta ma' kompiti jew ma' kompetenzi maniġerjali standard, qabel il-perijodu ta' prova tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tad-Deċiżjoni 5028/2 ġie miksur.
- 161 L-ewwel, fir-rigward tal-iffissar tal-għanijiet, għandu jtifakkur li, skont il-ġurisprudenza, meta jeżistu regoli interni tal-istituzzjoni li jippreskrivu l-istabbiliment ta' għanijiet għal uffiċjal fil-bidu tal-perijodu ta' evalwazzjoni, il-ksur ta' dawn ir-regoli għandu natura sostanzjali u jiġġustifika ç-çensura tal-evalwazzjoni kontenzjuża minħabba li d-deskrizzjoni tal-kariga ma kinitx suffiċjenti f'termini ta' ffissar ta' għanijiet (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, FS vs KESE, F-50/15, EU:F:2016:119, punt 100 u l-ġurisprudenza çċitata).
- 162 Madankollu, il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 161 iktar 'il fuq, li tikkonċerna l-evalwazzjoni ta' uffiċjal, għandha tiġi applikata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' responsabbiltà marbut mal-kariga li fiha dan huwa assenjat kif ukoll l-esperjenza preċedenti tal-uffiċjal maħtur f'din il-kariga. F'dan il-każ, ir-rikorrenti nħatret bħala kap ta' delegazzjoni bil-kompitu li tiżgura r-rappreżentanza tal-Unjoni fil-pajjiż fejn hija akkreditata d-delegazzjoni, li jimplika neċessarjament, minn naħa, livell għoli ta' responsabbiltà u, min-naħa l-oħra, kapaċità solida ta' ġestjoni u awtonomija kbira, indipendentement mill-iffissar ta' għanijiet konkreti.
- 163 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-funzjonijiet mogħtija lil kap ta' delegazzjoni, li huma ddefiniti fl-Artikolu 5(2) sa (4) u (8) tad-Deċiżjoni 2010/427, ma humiex strettament paragonabbli mal-funzjonijiet maniġerjali intermedji fdati lil kap ta' diviżjoni u li huma deskritti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 5028/2.
- 164 B'mod partikolari, kuntrarjament għal kap ta' diviżjoni, il-kap ta' delegazzjoni għandu jiżgura missjoni ta' rappreżentanza tal-Unjoni fil-pajjiż fejn hija kkreditata d-delegazzjoni, kemm mal-awtoritajiet tal-imsemmi pajjiż kif ukoll mas-servizzi diplomatiçi tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

- 165 Barra minn hekk, is-separazzjoni, b'mod partikolari ta' natura ġeografika, bejn l-amministrazzjoni ċentrali tas-SEAE u d-delegazzjonijiet, teħtieġ neċessarjament min-naħa ta' kap ta' delegazzjoni kapaċità ikbar li jeżerċita l-funzjonijiet maniġerjali tiegħu b'mod awtonomu, b'paragun ma' kap ta' diviżjoni li jgawdi mis-superviżjoni immedjata tal-ġerarkija tiegħu.
- 166 F'dan il-każ, sabiex tinħatar bħala l-Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi, ir-rikorrenti baġtet il-kandidatura fid-dawl, minn naħa, ta' deskrizzjoni tal-kariga u, min-naħa l-oħra, ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti, li kienu jsemmu għanijiet speċifiċi fil-qasam maniġerjali.
- 167 B'mod partikolari, id-dokumentazzjoni deskrittiva tal-kariga ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi kienet tinkludi, fi ħdan it-taqsimha dwar il-funzjonijiet relatati ma' dan l-impjieg, subparti relatata mal-ġestjoni tar-riżorsi umani, li kienet telenka l-missjonijiet li ġejjin: evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet individwali tal-persunal tal-imsemmija delegazzjoni, identifikazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ tal-persunal, eżerċizzju ta' responsabbiltà maniġerjali fil-qasam ta' inkompetenza professjonali, ta' fastidju u ta' problemi ta' natura dixxiplinari u osservanza tal-proċeduri dwar dawn il-kwistjonijiet, eżerċizzju ta' responsabbiltà soċjali u etika fir-rigward tal-persunal.
- 168 Barra minn hekk, l-avviż ta' pożizzjoni vakanti kien jindika li l-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi kien jelenka b'mod partikolari bħala missjonijiet: li jiġu żgurati l-ġestjoni tajba tad-delegazzjoni, inkluża l-ġestjoni finanzjarja u l-applikazzjoni korretta tar-regoli eżistenti dwar is-sigurtà tal-persuni, tal-beni mobbli u immobbli u tal-informazzjoni, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-imsemmija delegazzjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-kontinwità tas-servizz.
- 169 Għalhekk, kemm id-deskrizzjoni tal-kariga kif ukoll l-avviż ta' pożizzjoni vakanti li jikkonċernaw l-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi kienu jinkludu preċiżazzjonijiet dwar il-missjonijiet fdati lil dan l-impjieg fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani u ta' maniġment.
- 170 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li d-dokumentazzjoni deskrittiva tal-kariga u avviż ta' pożizzjoni vakanti għandhom, bħala prinċipju, għanijiet u karatteristiċi differenti minn dokument li jstabbilixxi l-għanijiet ta' uffiċjal, ma jstax jiġi eskluż *a priori* li għanijiet maniġerjali li jistgħu jiġu stabbiliti għall-evalwazzjoni tat-tweġiq ta' perijodu ta' prova maniġerjali ma jistgħux ikunu inklużi fid-dokumentazzjoni deskrittiva u fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti tal-impjieg li mtela mill-kap ta' delegazzjoni suġġett għal tali perijodu ta' prova.
- 171 Għalhekk, f'din il-kawża, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-missjonijiet maniġerjali li jinsabu fid-deskrizzjoni tal-kariga u l-avviż ta' pożizzjoni vakanti dwar l-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi kienu ddefiniti hemmhekk b'mod suffiċjentement preċiż sabiex jiġu kkostitwiti għanijiet speċifiċi fil-kuntest tal-perijodu ta' prova maniġerjali tar-rikorrenti.
- 172 Barra minn hekk, peress li r-rikorrenti kienet kandidata għall-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-kariga u tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti li jikkonċernaw dan l-impjieg, hija kellha neċessarjament għarfien ta' dawn l-għanijiet u, fid-dawl tal-applikazzjoni ta' kandidatura tagħha, hija għandha titqies li approvathom qabel id-dħul tagħha fil-funzjonijiet.

- 173 Konsegwentement, hemm lok li jiġi kkonstatat, f'din il-kawża, li l-preċiżjonijiet dwar il-kompiti maniġerjali li jinsabu fid-deskrizzjoni tal-kariga u l-avviż ta' pożizzjoni vakanti dwar l-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi setgħu servew bħala għanijiet maniġerjali fis-sens u għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 5028/2.
- 174 It-tieni, fir-rigward tal-iffissar minn qabel ta' indikaturi ta' prestazzjoni inekwivokabbli, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni PROC EEAS(2011) 002, tad-29 ta' Novembru 2011, jirriżulta "*mutatis mutandis*" li d-dispożizzjonijiet li jinsabu, b'mod partikolari, fid-Deċiżjoni 5028/2, japplikaw għall-persunal tas-SEAE.
- 175 F'dan il-każ, minn naħa, mill-kriterji ta' selezzjoni li jinsabu fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti dwar l-impjieg ta' Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi jirriżulta li l-kandidati għal dan l-impjieg kellhom jiġġustifikaw esperjenza pprovata fit-tmexxija u l-motivazzjoni tat-timijiet, b'mod partikolari f'ambjent multidixxiplinari u multikulturali, kif ukoll ta' kompetenzi solidi fil-qasam maniġerjali, ta' komunikazzjoni u ta' analiżi, flimkien ma' kapaċità ta' ġudizzju tajba.
- 176 Min-naħa l-oħra, mill-proċess jirriżulta li, fid-data tal-ħatra tar-rikorrenti bħala Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi, id-Direttorat tar-Riżorsi Umani tas-SEAE kien ippubblika dokument li kien jistabbilixxi l-kompetenzi meħtieġa mill-karigi maniġerjali kollha tas-SEAE u li kien isemmi eżempji konkreti ta' sitwazzjonijiet, sabiex dawn il-maniġers ikunu jistgħu jevalwaw jekk kellhomx l-erbatax-il kompetenza elenkati f'dan id-dokument u jekk kinux jeżerċitawhom b'mod effettiv.
- 177 Fl-aħħar nett, miċ-ċirkustanzi tal-kawża suġġetta għall-eżami tal-Qorti Ġenerali ma jirriżultax li r-rikorrenti talbet lis-superjuri ġerarkiċi tagħha sabiex dawn jiddefinixxu indikaturi ta' prestazzjoni sabiex tevalwa l-kompetenzi maniġerjali tagħha fi tmiem il-perijodu ta' prova, u dan filwaqt li d-Deċiżjoni 5028/2 tippovdi li tali indikaturi għandhom jiġu approvati mill-uffiċjal suġġett għall-perijodu ta' prova maniġerjali.
- 178 F'dan il-kuntest, jidher li r-rikorrenti kellha għarfien suffiċjenti ta' dak li kien mistenni, fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħha matul il-perijodu ta' prova tagħha bħala Kap tad-Delegazzjoni fil-Malawi.
- 179 Konsegwentement, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

[omissis]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) Sandra Paesen hija kkundannata għall-ispejjeż.**

da Silva Passos

Valančius

Reine

Truchot

Sampol Pucurull

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Ottubru 2022.

Firem